**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 04**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 29 ta' Awwissu 2024, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Ralph Puli
Dr Josef Masini Vento
Xandru Mallia
Daniel Ablett
Jurgen Abela
Fiona Borg Lewis
Marvin Zammit
Elke Cassar Sghendo
Alessio Decarlo
Doris Zammit

**ASSENTI B'APOLOGIJA**

Nicholai Falzon

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**04.1 TALBA**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

**04.2 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

Is-Sindku qara ittra ta' apologija tal-Kunsillier Nicholai Falzon.

**04.3 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 03**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 03, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.

**04.3.1 Emendi fil-minuti**

**Il-Kunsillier Elke Sghendo talbet sabiex issir emenda fil-minuti numru 3 jizdied dan il-kliem fil-Minuti 03.7.12**

"Triq Dun Rene Cilia se tkun No Entry min Triq il-Blata għas-saghtejn ta' filgħodu. Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo semmiet li għanda riservi konsiderevoli dwar il-proposta ta' traffic management kif kien deċiż mill Kunsill preċedenti. Dan għaliex it-triq tal-Blat, se tiġi no entry ghal dawk is-2hr ta filghodu b' detriment li traffic ta' filgħodu se jiżdied fil-Wied minħabba li ma jkunx jistgħu jitilgħu lejn tal-blat.

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegat li l-għan hu li jitnaqqas it-traffiku li joħroġ minn Triq Dun Rene Cilia b'hekk ikun hemm inqas xkiel.
Is-Sindku talab li għanda tiġi pruvata kif ġiet approvata u kemm il-darba ikun hemm problema din tinbidel.

Il-Kunsillier Cassar Sghendo talbet li f'dan il-kas għanda tiġi ikkunsidrata li Triq l-Għargħar one way bil-kontra sabiex il-vetturi imorru għac-central link mingħajr ma jgħaddu u ma komplux iżidu mat-traffiku mill-wied b'hekk jitnaqqsu il-vetturi li jmorru għal Sta Venera u fly over lejn il-Marsa.

04.3.2 Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo żdiedet li din il-proposta għada ma ġietx approvata minn Transport Malta u qed titlob li jintbagħtu reminder lil TM dwar din it-triq."

**Il-Kunsillier Elke Sghendo talbet sabiex issir emenda fil-minuti numru 3 jiżdied dan il-kliem fil-Minuti 03.7.7**

"**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet il-bokki tad-drenaġġ li hemm il-wied taħt ir-razzett l-antik u li kellha tiċċekkja mal-entita' responsabbli meta se jibdew ix-xogħlijiet fuqhom"

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** ssekondat.

Il-Kunsill approva l-Minuti Nru 03 kif emendati.

04.4 **Riżoluzzjoni Nru 02/2024 (IX)**

**SPI/SCI/04/2024 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**

B'referenza għal-iskema ***SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Progetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali*** il-Kunsill Lokali Ħal Qormi qiegħed hawn jaqbel li se tiġi sottomessa talba sabiex isir it-tindif u tingħata art bil-konkos fil-Qormi Sports Complex fi Triq Mdina kantuniera ma Triq Manwel Dimech, eżatt wara il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** ipproponiet l-approvazzjoni ta' Riżoluzzjoni Nru 02/2024 (IX)

**Il-Kunsillier Elke Sghendo** ssekondat.

Ivvutaw favur l-għaxar (10) il-kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Riżoluzzjoni Nru 02/2024 (IX) ġiet approvata.

**04.5** **Interventi Oħra**

**Il-Kunsillier Doris Zammit** talbet sabiex waqt il-laqgħa jidħol is-Sur Gorg Farrugia. Is-Sur Farrugia gie sabiex jippreżenta ktieb bl-isem ***"George Farrugia Bio & Artworks"*** li għadu kif gie ippubblikat b'kitba ta' Mary Attard.

Is-Sur Farrugia irringrazzja lil Kunsill talli aċċetta li jiltaqa miegħu. Spjega kif l-iskultura li biha rebaħ unuri barra minn Malta ħaditlu ħafna siegħat ta' xogħol. Din l-iskultura daħlet f'kompetizzjoni Parigi u ġiet magħżula mal-aħħar 25 biċċa tal-arti minn 700 rappreżentazzjoni.

Is-Sindku wiegħed li din larti tkun tista titpoġġa fi Ġnien il-Funtana wara li isir ir-rinnovat tal-ġnien.

**04.6** **Skeda ta' Ħlasijiet**

**04.6.1** **Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Awwissu 2024.

**04.6.2** **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** pproponiet l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

**04.6.3** **Il-Kunsillier Daniel Ablett** issekonda l-iskeda ta' ħlasijiet.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Awwissu 2024.

**04.7** **Komunikazzjoni tas-Sindku**

**04.7.1** **Sejħa biex timtela l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv**
***Deċiżjoni tal-board - Posposta mis-Seduta Nru 02***

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nforma** li kif miftiehem fis-seduta Nru 2, il-bord tal-għażla biex jimtela il-post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv, ser ikun magħmul minn nies indipendenti. Għaldaqstant informa li fis-Seduta li ġejja se jkun qed jissuġġerixxi xi ismijiet ta' persuni li jistgħu iservu fuq dan il-bord.

## 04.7.2 Servizz ta' Avukat

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li t-tender għas-servizz tal-avukat għalaq fi 22 ta' Lulju 2024. Il-Kunsill rċieva erba offerti:

- Ellul Advocates - €6000
- DR AM - €6990
- Dr Frank Psaila - €4135.65
- Dr Thea Lynn Cesare €4500

Il-bord tal-evalwazzjoni lesta ir-rapport, liema rapport ġie iċċirkolat permezz ta' ittra elettronika. Il-bord qed jirrakkomanda li t-tender tingħata lil Dr Frank Psaila, bħala l-orħos offerta u bid-dokumenti kollha mitluba għal prezz ta' €4135.65 fis-sena.

Il-kuntratt se jkun qed jiġi iffirmat għal sena li jista' jiġġedded għal 4 snin.

Il-membri kollha, b'mod unanimu qablu mal-bord tal-għażla

## 04.7.3 Qormi Active Ageing Centre (Day Centre)

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li referenza għal-kommunikazzjoni li saret ftit tax-xhur ilhu mid-Dipartment tal-Anzjanità Attività, ġie ikkonfermat illi ir-refurbishment fil-Qormi Day Centre se jsir f'Novembru.

Ix-xogħlijiet li ser isiru mhumiex infrastrutturali u għalhekk ma hemmx bżonn intervent ta' permessi min naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Iċ-ċentru se jinbidlu l-għamara kollha, l-aluminju, se jinqalgħu it-toilets u isiru mill-ġdid u se jinbidlu l-appliances kollha ġodda għas-spejjez tad-Dipartiment.

Għaldaqstant qed jitolbu sabiex it-tliet aircondition units li wieħed mhux jaħdem u tnejn huma antiki jinbidlu u jerġgħu isiru casette type.

Il-Kunsill qabel li preferibbilment isiru zewg wall mounted units minħabba li casette type jistgħu jaqilgħu aktar problemi, għaliex jekk ikun hemm ħsara fil-mutur it-tliet units ma jaħdmux.

Kien għalhekk li il-Kunsill iddeċieda li għandu jitlob stimi lil kumpaniji u sabiex qabel għandhom jiġu fuq il-post jaraw x'inhu l-aħjar li isir, qabel jibgħatu l-istima.

### 04.7.4 Walt Market

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nforma li illum il-Kunsill rċieva notifika mit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar rigward l-applikazzjoni PA/05248/23 Triq Patri Spiteri Fremond c/w Triq l-Arkata c/w Triq il-Kbira, Qormi – (magħruf ukoll bħala Walt Market).

Il-Kunsilliera Fiona Borg Lewis qalet li milli jihder is-sidien talbu sabiex ibiddlu l-użu tal-binja u għalhekk huwa importanti li nirreġistraw interess f'tali proċeduri.

### 04.7.5 Talbiet għal rimbors minħabba ħsara fi Triq Għar-Ram

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda talba għal rimbors minħabba ħsara ta' €100 li sofra sewwieq fi Triq Għar Ram.

Id-deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li tali talba għall-ħlas ntbagħtet lil Transport Malta, minħabba li jidher li din il-ħofra ġiet ikkawżata wara xi xogħlijiet ta' trinek li saru numru ta' snin ilhu.

Min naħa ta' Transport Malta infurmaw lil Kunsill li ix-xogħlijiet li saru f'dik it-triq ma jikkorrispondux għal istess sit fejn hemm il-ħofra.

Kif sirna nafu b'din il-ħsara, il-kunsill bagħat il-kuntrattur tiegħu sabiex dawn il-ħofor jingħataw il-konkos meħtieġ minħabba li it-triq hija bil-konkos u mhux bl-asphalt.

F'dawn iċ-ċirkustanzi id-deputat Segretarju Eżekuttiv qed tressaq din it-talba skont iċ-ċirkulari 3/2024 Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens.

Il-kunsill approva li sid il-vettura jingħata kumpens ta' € 50, skont il-policy tal-kunsill li il-kunsill jagħti nofs l-ispiża, bl-ispiża ma teċċedix it-€80 euro u għandu jiġi infurmat li tali ħlas qed jingħata mingħajr preġudizzju.

### 04.7.6 Talba għall-Crash Barrier fi Triq il-Wied fejn tal-Lottu

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** nformat li rċeviet talba mingħand il-Kunsillier Daniel Ablett sabiex issir crash barrier fi Triq il-Wied viċin il-banka tal-lottu / pelican lights, għaliex hemm residenti li jinżlu min Triq il-Blata u qed jaqsmu metri bogħod mill-pelican lights.

Il-Kunsilliera iddiskutew din it-talba u ma approvawx li issir tali crash barrier minħabba li ir-residenti jaqsmu min fejn jidrilhom u ma nistgħux nagħmlu crash barriers mal-bankini kollha.

**04.7.7 Talbiet għall-Zebra Crossings**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali Ħal Qormi rċieva diversi talbiet sabiex isiru żebra crossings fi:

- Triq il-Wied qabel il-ħruġ mill-Wied għal Triq San Franġisk (il-barra mir-Razett l-Antik)
- Triq il-Kbira bejn Triq Santa Katerina u Każin Għaqda Muzikali San Gorg Martri
- Triq Correa viċin il-kamra tal-Enemalta taqsam sa ftit l-isfel minn tad-donuts
- Triq Valletta viċin il-ground tal-football
- Triq il-Ħammieri viċin il-Convenience Shop
- Triq il-Ħelsien viċin Triq ta' Farzina

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** issuġġeriet sabiex iz-zebra crossing fi Triq il-Mitħna bejn Triq il-Wied u Triq Dun Rene Cilia issir pelican crossing.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** issuġġerixxa li iz-zebra crossing fejn il-Klabb tal-Boċċi ta' San Gorg fi Triq il-Wied issir bid-dawl.

Il-Kunsill qabel sabiex jiġi aviċċinat il-Perit tal-Kunsill biex jipprepara il-pjanti meħtieġa biex jintbagħatu it-talbiet formali għal dawn iż-żebra crossings lil Transport Malta.

**04.7.8 Wires tad-dawl fi Triq il-Vitorja vicin Ultimate.**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li Enemalta bagħtu stima sabiex il-wires tad-dawl li hemm bejn l-Ultimate u il-flats ta' faċċata ikunu jistgħu jgħaddu min taħt l-art hija dik ta' €4240. Dan ma jinkludiex it-tqattigħ tat-trinka, tqegħid ta' pajpijiet, tarmak u permessi ta' Transport Malta biex titqatta it-triq.

Il-Kunsill ma qabilx li tintefaq din l-ispiża u isiru tali xogħlijiet.

**04.7.9 Talba sabiex is-servizz tal-linja 110 jibda ikun kull nofsija**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali rċieva talba sabiex min naħa tal-Kunsill issir pressjoni fuq Malta Public Transport biex is-servizz 110 li jgħaddi min Triq il-Belt Valletta, Triq il-Wied u jibqa' tila għal Santa Venera jibda isir kull nofsija minflok kull siegħa kif qiegħed preżentement.

Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo issuġġeriet li issir talba lil Malta Public Transport sabiex is-servizz tal-linja jibda jgħaddi min fuq tal-Blat 1.

Il-Kunsillier Daniel Ablett semma li r-residenti Fuq tal-Blat qed ikollhom jimxu triq twila biex jaqbdu tal-linja.

Il-Kunsill qabel li isiru tali talbiet lil Malta Public Transport.

**04.7.10 Frankie Agius**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill illum ircieva risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn infurmaw li is-Sur Frankie Agius ġie approvat mill-uffiċċju tal-Prim Ministru OPM sabiex iservi fil-Kunsill Lokali Ħal Qormi għal sena oħra, sal-15 ta' Awwissu 2025.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** irringrazzja lis-Sinjorina Karen Camilleri, Assistant Director tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li intervjenit f'dan it-tiġdid.

**04.7.11 Ħaddiema tal-Community Workers Scheme**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li bħalissa il-Kunsill għandu nuqqas ta' ħaddiema manwali li jagħmlu ix-xogħlijiet fit-toroq. Is-Sindku qal li mhux sew li il-Community Workers Scheme m'għandiex ħaddiema x'toffri lil Kunsill Lokali Ħal Qormi meta irħula żgħar għandhom tnax il-ħaddiem eżempju.

**Il-Kunsill Daniel Ablett** ħeġġeġ lis-Sindku sabiex isiru laqgħat mal-entitajiet u se jkollu il-kunsill kollu ta' appoġġ warajh biex isiru tali talbiet għal-aktar ħaddiema.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet li fil-laqgħa tar-Regjun Nofsinhar ġie diskuss ukoll in-nuqqas tar-riżors uman għaliex ir-Regjun ukoll jinsab mingħajr ħaddiema.

Il-membri kollha qablu sabiex isiru tali talbiet għal-aktar ħaddiema mal-entitajiet għax b'hekk biss igawdi Ħal Qormi kollu.

## 04.7.12 Bankina Triq Mifsud Ellul

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** nformat li b'referenza għal-komunikat f'seduta 75 tad-9 ta' Mejju 2024, wara talba li saret lil Perit tal-Kunsill sabiex issir applikazzjoni għar-*realignment* ta' parti minn Triq Mifsud Ellul fejn saret bankina ġdida minn resident li kien għadu kif bena propjetà f'din it-triq.

Il-Perit tal-kunsill informa li applikazzjoni mal-Awtorità tal-ippjanar ma tistax issir minħabba li il-bankina hija post pubbliku. Il-proċedura hija li tiddaħħal applikazzjoni Transport Malta. Biex tidħol applikazzjoni Transport Malta huwa diffiċli li tidħol għal bankina quddiem propjetà waħda biss, u għalhekk trid tiddaħħal applikazzjoni għat-triq kollha. Jekk tiddaħħal applikazzjoni għat-triq kollha se tinqala problema minħabba ir-residenti l-oħra li qed joġġezzjonaw li issir bankina quddiemhom għax hekk it-triq issir diffiċli biex isir parkeġġ fiha.

Il-Kunsillier Daniel Ablett semma li hu segwa il-każ mar-resident partikolari li għamel il-bankina mingħajr permess. Semma li il-bankina saret pulita bis-servizzi kollha fiha u saret għaliex ma kienx qed ikollu aċċess għal bieb ta-dar tiegħu. Semma ukoll li residenti oħra f'dik it-triq ma jridux bankina biex ikunu jistghu jipparkjaw fit-triq.

Saret diskussjoni bejn il-membri u sar qbil li il-kunsill jitlob lil Perit tal-kunsill jipprepara pjanti u il-kunsill japplika ma Transport Malta sabiex issir bankina ġdida.

## 04.7.13 Talbiet minn Transport Malta sabiex isiru Blue Bays

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** nformat li TM bagħtu talba sabiex isiru:

3 parkeġġi riservat personalizzat kif ġej:

- Mulberry Court, Blk B, Flat 3 Triq id-Dukkara.
- 57, Sqaq il-Misrah Numru 1

- 105, Triq Correa

U parkeġġ riservat komuni fi Triq Dun Rene Cilia kantuniera ma Triq il-Milied.

Saret diskussjoni bejn il-membri u il-kunsill iddeċieda ma jsibx oġġezzjoni li tali parkeġġi isiru għax ir-responsabbiltà ta' tali parkeġġi ma hiex tal-Kunsill.

**04.7.14 Vettura tal-Kunsill**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li minħabba li il-vettura tal-Kunsill ġarrbet xi ħsarat minħabba inċident li kienet involuta fih, u minħabba li l-insurance għadhom ma tawx risposta fuq tali claim, il-kunsill talab kwotazzjonijiet u qed jikri vettura automatic għal prezz ta' €20 exc VAT kuljum mingħand il-kumpanija GS Car Hire. Din il-karozza inkriet għal 10 tijiem, iżda jekk ikun hemm qbil din il-vettura tibqa tinkera għal 10 ijiem oħra, kemm il-darba l-insurance ma jgħatux risposta.

Il-membri kollha approvaw li il-kirja ta' vettura tiġġedded għal 10 tijiem oħra.

**04.7.15 Fuq tal-Blat 1 Play area**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li issa li tlestew ix-xogħlijiet ta' tisbieħ u play area ġdida għat-tfal Fuq tal-Blat biswit l-appartamenti tal-Gvern, il-Kunsill talab kwotazzjonijiet għal 5 fanali ġodda li se jigu jiswew circa €1000.

Il-Kunsill ġabar stima għal cctv cameras u ġejjin jiswew circa €2000.

Il-Vici Sindku Xandru Mallia semma kif filgħodu mar jiċċekkja cctv cameras privati minħabba li xi żgħażagħ daħlu fil-playing area bir-roti u qagħdu jduru fuq il-play area u ħallew il-marki tat-tyres.

Il-Kunsill qabel li jinxtraw il-fanali ġodda u isiru cctv cameras.

**04.7.16 Filmat fuq Ħal Qormi**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li kien nbeda ġbid ta' dokumentarju u ġew intervistati diversi Qriema. Is-Sindku qal li issa talab lil Wayne Mizzi

Ungaro sabiex jagħmel intervista lis-Sur Bastjan Debono u tiżdied mal-video. Il-prezz mitlub għal siegħa filming huwa ta' €318.60 inkluz il-VAT.

Is-Sur Mizzi Ungaro offra li dan il-video jitqiegħed fuq Pendrive Gift Boxes – C171 8GB inkluz id-dokumentarju uploaded, mastering u personalized Qormi Branded Gift Box bil-lasering għal prezz ta' €501.50 inkluz il-VAT għal 50 pendrive.

Il-Kunsill qabel li issir din l-intervista, iżda ma qabilx li jinxtraw il-pendrive gift boxes.

**04.8 Ħwejjeġ Oħra**

**04.8.1 Id-Dielja**

**Il-Kunsillier Doris Zammit** semmiet li id-Dielja ta' Awwissu ħarġet u suppost sa issa tqassmet kollha.

Madankollu għandha informazzjoni min xi residenti li din il-gazzetta ma tqassmitx f'ċerti toroq. Għalhekk hi infurmat lil persuni inkarigati mill-Maltapost li kemm il-darba se jkun hemm toroq li ma rċevewx id-Dielja, dawn se jitnaqqsulu mill-ispiża tat-tqassim tal-ħarġa li imiss.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** issuġġeriet li jiġu avviċinati NGO's sabiex iqassmu id-Dielja u il-flus jingħataw lilhom.

**Il-Kunsillier Doris Zammit** semmiet ukoll li għandha ideat oħra ta' kif tista' titqassam id-Dielja, fosthom mill-għaqdiet Lokali.

Il-Kunsill qabel li jiġu avviċinati l-Għaqdiet Qriema sabiex jibgħatu l-interess tagħhom għat-tqassim tal-magazine tal-Kunsill.

**04.8.2 Triq il-Barrakki – bdil tal-One Way**

**Il-Kunsillier Doris Zammit** staqsiet fiex waslet it-talba tar-residenti, permezz ta' petizzjoni, għal-bdil fid-direzzjoni tat-traffiku.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** infurmat lis-Sinjura Zammit li din it-talba għada pendenti u il-kunsill għadu bla tweġiba minn Transport Malta.

**04.8.3 Hashed Boxes quddiem l-entraturi tal-blokkijiet f'De La Cruz.**

**Il-Kunsillier Doris Zammit** staqsiet fiex waslet it-talba tar-residenti għal hashed lines quddiem l-entratura tal-appartamenti tal-gvern fi Triq De La Cruz.

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** nformat li wara it-talba li għamlet il-Kunsillier Doris Zammit sabiex isiru hashed boxes quddiem il-bibien tal-blokkijiet fi Vjal De La Cruz, il-ħaddiema tal-kunsill marru fuq il-post u ħarġu ir-residenti jagħmlu għalihom.

Ir-residenti nformaw lil ħaddiema tal-kunsill li huma ma jaqblux ma tali hashed boxes għax jonqos il-parkeġġ. Nformahom ukoll li qatt ma kellhom issues biex jaċċessaw il-blokkijiet u saħansitra quddiem uħud minnhom hemm anke blue boxes, li biex jitneħħew u isiru hashed boxes se tkun aktar ikkomplikata għaliex irridu l-approvazzjoni ta' entitajiet oħra.

Għaldaqstant il-Kunsill qabel sabiex jinjora it-talba sabiex isiru hashed lines quddiem l-imsemmija blokkijiet.

**04.8.4 Wire imdendel mal-faċċata ta' Ms Pulis Triq il-Vitorja**

**Il-Kunsillier Doris Zammit** staqsiet fiex waslet it-talba ta' Ms Pulis sabiex il-wire li hemm imdendel mal-faċċata tad-dar tagħha jitneħħa.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** nformat li hemm il-meter tal-parking sensors irid jinqala. Applikazzjoni mal-ARMS daħlet u qed nistennew mill-ARMS sabiex ineħħu il-meter u eventwalment dak il-wire ikun jista jitneħħa.

**04.8.5 Id-Dielja – Pubblikazzjoni**

**Il-Kunsillier Doris Zammit** issuġġeriet sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż, id-Dielja tibda tiġi ippubblikata tliet darbiet fis-sena, minflok erba' darbiet.

Il-membri kollha preżenti qablu ma dan is-suġġeriment.

**04.8.6 Attivitajiet Organizzati mill-Kunsill Lokali**

**Il-Kunsillier Doris Zammit** semmiet li il-Kunsill se jorganizza Pasta Night fi Ġnien De La Cruz nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru u fil-11 ta' Ottubru ser issir ħarġa għal-Kemmuna.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ġibdet l-attenzjoni li il-Ġimgħa 27 ta' Settembru hemm attività oħra tal-Kumitat Festi Esterni u ikun għaqli li il-Pasta Night issir is-Sibt 28 ta' Settembru.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li il-kunsill Lokali se jkun qed jissussidja 5 euro fuq il-Pasta Night u għall-attività ta' Kemmuna il-Kunsill se jħallas it-trasport u flixkun ilma.

Il-membri kollha qablu li il-Pasta Night issir is-Sibt 28 ta' Settembru.

**04.8.7 Korsijiet Organizzati mill-Kunsill Lokali**

**Il-Kunsillier Doris Zammit** semmiet li il-kunsill Lokali se jorganizza korsijiet filgħodu bit-temi **Krafts tal-Milied** u **Tisjir tal-Milied**. Dawn ser isiru fil-binja tal-Kunsill u kemm il-darba fuq ikun qed jintuża mid-Day Centre, is-Sindku issuġġerixxa li isiru fuq il-mejda tal-Kunsill, fl-uffiċċju tiegħu stess.

**04.8.8 Kaxxi blu tar-Reserved Parking**

**Il-Kunsillier Doris Zammit** staqsiet x'għandha tagħmel persuna li għandha blue card imma m'għandiex personalised parking bay.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** spjega li il-Kunsill ikollu biss applikazzjonijiet u ir-residenta trid tapplika u titla bord. Finalment hija deċiżjoni ta' Transport Malta.

**04.8.9 Infurzar f'Ħal Qormi**

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** semma li marru nies isibu lilu u lil Kunsillier Elke Cassar Sghendo għax f'Ħal Qormi żied l-infurzar. Dawn in-nies li qed jirrabjaw minħabba l-infurzar, huma l-istess nies li jiktbu li f'Ħal Qormi ma isir xejn.

**Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** semma li f'Ħal Qormi hawn poplu imfissed u dan ir-raħal huwa kbir u jekk mhux se jkun hawn infurzar ir-raħal jiġi mitluq. Semma li kemm ilhu li żdied l-infurzar, ir-raħal diġà qed jitranġa.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet sabiex jekk ikun possibbli fil-paġna ta' Facebook jibdew jitilgħu kopji tal-multi li in-nies ikunu qed jaqilgħu, iżda jiġu mgħottija id-dettalji personali tal-persuni imħarrka u jiġu mgħottija ukoll id-dettalji tal-enforcement officers.

**Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** semma li min nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru l-Uffiċċjali tal-Infurzar se jkunu qed jaħdmu fuq shift ta' 24 siegħa kuljum

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** żiedet tgħid li it-theddid mhux aċċettabbli għax kemm hi u kemm il-viċi Sindku Xandru Mallia ġew mhedda min xi nies barra.

## 04.8.10 Progett fejn il-Knisja ta' San Bastjan

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li inbeda il-proġett ta' fejn il-Knisja ta' San Bastjan. Is-Sindku ried jagħmilha ċara li il-kunsill kien diġà laqqa ir-residenti, is-sidien ta' ħwienet, iltaqa mal-Arċipriet u spjegalhom il-proġett u anke ntbagħtu ittri lir-residenti, sidien ta' garaxxi u ħwienet.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** spjega li dan il-proġett ġie approvat u il-Kunsill se jingħata fondi għalih.

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** ġibed l-attenzjoni fuq iż-żebgħa li il-kuntrattur jagħmel sabiex jimmarka is-servizzi tal-ilma u issuġġerixxa li tali marki isiru fuq il-masking tape.

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** infurmat lil membri li kull min qed jiġi avviċinat mir-residenti fuq xi żebgħa li saret mal-madum, għandu jinformahom illi la il-kunsill u lanqas il-kuntrattur ma huma responsabbli għal madum jew irħam li jitwaħħal mal-faċċata u fuq il-bankina għaliex huwa illegali li isir tali. Każi simili ġraw u anke ittellgħu il-Qorti minn entitajiet oħra. Din l-entita ħarġet liberata għaliex ir-resident ma jista' jagħmel xejn mil-linja tal-faċċata il-barra.

## 04.8.11 Theddid

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lil membri li hu qatt ma kien se jaċċetta theddid fuq ħadd.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li filgħodu mar għamel rapport l-għassa fuq theddid fil-konfront tiegħu u allegazzjonijiet oħra fuqu personali. Minħabba dawn l-allegazzjonijiet se jieħu passi legali kontra il-persuna li qed taqla tali qlajjiet fuqu.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma ukoll li hu mhux se jaċċetta theddid fuq l-ebda Kunsillier, kien min kien.

## 04.8.12 Triq San Bastjan

**Il-Kunsillier Ralph Puli** semma li ma jixtieqx li ix-xogħlijiet fi Triq San Bastjan jinbdew sakemm hemm xogħlijiet oħra mibdija.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li kemm il-darba ix-xogħlijiet ma jibdewx sa Novembru, it-triq ma tilħaqx tkun lesta sal-festa. Dan minhabba li fi Triq San Bastjan se jinbidlu is-servizzi kollha.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** qed jissuġġerixxi li kemm il-darba se jkun hemm xogħlijiet għaddejjin f'toroq oħra f'Ħal Qormi, Triq San Bastjan ma isirx u jekk hemm bżonn issir is-sena ta' wara.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** issuġġeriet li din l-issue tiġi diskussa aktar viċin li se jkun qed jibda il-proġett sabiex il-Kunsill ikollu idea ta' fejn waslu ix-xogħlijiet infrastrutturali l-oħra fil-lokalita.

## 04.8.13 Zebra Crossing fi Triq Mdina viċin Dar Pinto

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issuġġerixxa sabiex niktbu uffiċjalment lil Infrastruttura Malta sabiex iz-zebra crossing li hemm viċin Dar Pinto fi Triq Mdina issir Pelican Lights.

## 04.8.14 Monument ta' Pinto fi Triq Manwel Dimech

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab sabiex niktbu uffiċjalment lil Infrastruttura Malta sabiex issir trinka u isir dawl biex idawwal il-Monument ta' Pinto fi Triq Manwel Dimech.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** issuġġeriet li nitolbu ukoll sabiex isir il-ħaxix fuq ir-roundabout u terġa tinkiteb Citta Pinto kif kienet sa ftit snin ilhu.

**04.8.15 Roundabout Triq il-Mitħna**

**Il-Kunsill Jurgen Abela** staqsa għaliex fuq ir-roundabout ta' taħt il-bridge ta' Triq il-Mitħna ma hemm mizruh xejn.

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** spjegat illi taħt il-bridge mhux se jgħixu siġar għax is-siġar iridu id-dawl biex jikbru.

**04.8.16 Proġett fejn il-Knisja San Bastjan**

**Il-Kunsillier Alessio Decarlo** staqsa għaliex mhux qed ikun hemm uffiċjali tal-komunità' waqt li qed isiru ix-xogħlijiet fejn il-knisja ta' San Bastjan.

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** spjegat li uffiċjali mhux dejjem insibu u iridu jiġu ibbukkjati ħafna qabel, apparti li l-uffiċjali se jitħallsu l-eluf u jaf xorta ma jagħmlu xejn għaliex mill-esperjenza ġieli joqgħodu taħt ħajt u nħallsuhom għalxejn. Għalhekk qed jinżlu spiss l-uffiċjali tar-rotta, fejn anke qed jagħmlu clearance ta' vetturi li sfortunatament qed jitħallew ipparkjati illegalment fejn qed isir ix-xogħol.

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** spjegat ukoll li saret zebra crossing temporanja quddiem iċ-ċentru aktar il-ġewwa fi Triq San Bartolomew u ser issir zebra crossing temporanja fil-ġenb ta' Pjazza Narbona.

**04.8.17 Bankina wara il-Knisja San Bastjan**

**Il-Kunsillier Alessio Decarlo** staqsa hux ser issir bankina ġdida wara il-Knisja ta' San Bastjan għaliex il-bankina li hemm hija għolja u hemm bżonn li issir bankina ġdida baxxa.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** spjega li il-proġett li qed isir ma jinkludix tali bankina iżda il-kunsill jista' japplika mal-Public Works sabiex din il-bankina issir mill-ġdid minnhom u issir aktar baxxa.

**04.8.18 Xogħlijiet tal-Enemalta fi Triq l-Isqof Scicluna**

**Il-Kunsillier Alessio Decarlo** staqsa jekk fil-progett li qed isir fi Triq l-Isqof Scicluna il-kunsill jistax jitlob li isiru barrikati mad-dawra tat-trinka.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** staqsiet lil-Kunsillier Decarlo għalfejn qed jirreferi għaliex hi marret fuq il-post u ikkonfermat illi il-barrikati saru.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** ikkonfermat li kien hemm tliet uffiċjali ta' Transport Malta fuq il-post jidderieġu it-traffiku.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** bagħat il-kondoljanzi lil familjari tal-vittma u semma li l-inċident kien wieħed sfortunat u li ma kellu x'jaqsam xejn max-xogħlijiet li bħalissa għaddejjin.

**Il-Kunsillier Alessio Decarlo** issuġġerixxa li il-Kunsill jitlob li isir aktar dawl mat-trinka.

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** ikkonferma li il-vetturi kienu qed jiġu diverted mit-tliet uffiċjali ta' Transport Malta li qed ikun hemm fuq il-post. Il-problema li qed tinħoloq hija meta imorru il-couriers bil-mutur u qed jgħaddu kontra is-sinjali tat-traffiku min fuq il-bankina.

**04.8.19 Qormi Football Club**

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** semma li ġie avviċinat mill-Kumitat tal-Football ta' Ħal Qormi sabiex jgħaddi il-messaġġ lil Kunsill li ser issir attività biex jintroduċu il-plejers. Din l-attività ser issir flimkien mat-tfal tan-nursery ta' Ħal Qormi. Il-klabb qed jitlob għajnuna mill-Kunsill sabiex ikun jista itella din l-attività.

Il-Kunsill approva li il-Qormi Football Club jingħata għajnuna ta' €500.

**04.8.20 Boroz tal-kenniesa**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ġibdet l-attenzjoni li il-boroż tal-kenniesa għandhom jinġabru aktar spiss matul il-ġurnata u ma jitħallewx boroż mhux miġbura sa filgħaxija.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li il-kuntrattur għandu sal-aħħar ta' Settembru biex jipprovdi is-sistema tad-datatrak.

**04.8.21 Liaison mal-entitajiet**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ipproponiet sabiex xi ħadd mill-membri tal-kunsill ikun *liaison* mal-entitajiet. Is-Sinjura Cassar Sghendo semmiet li hi qed tibgħat diversi ittri elettroniċi lil Perit ta' Transport Malta per eżempju u jista' ikun li ikun hemm Kunsillieri oħra li jagħmlu l-istess.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lil Kunsilliera Cassar Sghendo li hi bħala Kunsilliera għandha tibqa tibgħat lil entitajiet kif għandu kull jedd li jagħmel kull kunsillier u anke l-amministrazzjoni tal-kunsill. Is-Sindku saħaq li aktar ma jkollhom nies li jibgħatu ilmenti, aktar ikun juri li il-kunsill qed jaħdem.

**04.8.22 Drenaġġ fi Triq iċ-Ċawsli**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lil membri li kien hemm issue fuq id-drenaġġ li far fi Triq ic-Ċawsli u li ikkuntattjat lil Perit ta' Infrastruttura Malta fuq il-każ. Il-Kunsillier Cassar Sghendo nformat li it-triq ma nħaslitx, iżda tnaddfet bix-xita li għamlet.

**04.8.23 Regjun Nofsinhar**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lil membri li nħatar il-Viċi President tar-Regjun. Għal din il-kariga nħatar is-Sur Mario Calleja.

**04.8.24 Kuntrattur tal-iskart**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lil membri li waqt il-laqgħa tar-Regjun hi ipproponiet sabiex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ikolli laqgħa mal-kuntrattur tal-iskart.

**04.8.25 Konki tad-drenagg fil-Wied**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lil membri li wara li fis-Seduta li għaddiet issemmew il-konki tad-drenaġġ li hemm fil-wied kellha korrispondenza mal-Operations Manager tal-WSC u wegħda li ser jissewwew fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru.

**04.8.26 Pink October u Movember**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lil membri li tixtieq li torganizza attivita' ta' wellness assoċjata ma Pink October u Movember.

**04.8.27 Tiżjin relatat mal-Milied**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippropona sabiex parti mill-iskema li se nieħdu tal-Milied nixtru affarijiet relatati mat-tiżjin u dawl dekorattiv.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** spjegat li il-fondi li se niġu mgħotija għall-attività tal-Milied iridu ikunu spejjez relatati dirett mal-attività u nistgħu nixtru xi dekorazzjonijiet għal ġonna u l-area tal-madwar.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** infurmat lil membri li se tipprova tnaqqas l-ispiża relatata mal-entertainement u minflok tinkera tinda, sabiex jekk tkun ix-xita, l-attività ma titħassarx.

**04.8.28 European Week of Sports Local Councils' Initiative**

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** semma li il-Kunsill rċieva korrispondenza rigward il-European Week of Sports Local Councils' Initiative. Il-Kunsillier Ablett spjega li hu tkellem mal-Klabb tal-Boċċi San Gorg u se jitkellem mal-Klabb tal-Boċċi San Bastjan sabiex jorganizza sessjonijiet għal tfal min 10 snin il-fuq biex jitħajjru jitgħallmu il-logħba tal-boċċi.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** spjega li jekk dan l-esperiment jirnexxi, aktar il-quddiem isiru attivitajiet oħra sabiex il-Kunsill Lokali jgħin biex din il-logħba tradizzjonali terġa tingħata il-ħajja. Il-kunsillier Ablett spjega li il-Klabb tal-Bocci San Gorg offra li jagħti dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ bla ħlas.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** qabel ma' din l-inizjattiva u żied jgħid li din l-attività se tlaqqa tliet aspetti flimkien, dak edukattiv, l-isport u il-kultura. Is-Sur Zammit qal li il-logħba tal-boċċi hija logħba tipikament Maltija.

**04.8.29 Audit Financial Report**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet li fl-Audit Financial Report issemmew €17000 tal-Joint Committee. Il-Kunsillier Cassar Sghendo semmiet li dawn il-flejjes issemmew waqt il-laqgħa tar-Regjun u milli jihder hemm xi tiżgwid biex dawn il-flejjes jiġu mgħotija lura.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** issuġġeriet sabiex niktbu lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jagħtina gwida fuq dawn il-fondi u importanti li dak li hu dovut lil Kunsill jingħata lura.

**04.8.30 Accountants tal-Kunsill**

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa jekk dak miftiehem mal-accountants tal-Kunsill li il-financial statements tat-tieni quarter jingħalaq sa' nofs Settembru hux se jintlaħqu bħala target dates.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** infurmat lis-Sur Zammit li bħalissa qed tibgħat ħafna workings lil accountants u qed jagħmlu updates tas-Sage huma. Baqa' xi affarijiet oħra xi jsiru biex ikun jista' jingħalaq quarter 2.

**04.8.31 Skart**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** semmiet li kif tiġi ikkonfermata u tintbagħat l-ittra lir-residenti, irridu nifthemu mal-ERA biex jibda isir infurzar

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** filwaqt li jaqbel mal-ittra issuġġerixxa li titniżżel l-iskeda tal-ġbir tal-iskart u numru importanti tat-telefon fejn wieħed għandu ċċempel biex jirraporta skart goff etc.

**04.8.32 Gnien De La Cruz**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** semmiet kif kellmuha xi residenti, fosthom Alan Camilleri biex fil-bandli jiżdiedu seasaw/bandla u żurżieqa għat-tfal ftit akbar.

**04.8.33 Triq Guze Duca**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat lil Kunsill li il-Perit Audrey Demicoli minn Transport Malta reġgħet ikkonfermat Stop Sign u Road hump fejn Pitre, kif ukoll bollards fil-kantuniera biex ma jipparkjawx karozzi u għalhekk kull min dieħel għal Triq Guze Duca ikollu viżibilità tajba ta min ġej min isfel. Ix-xogħol irid isir minn Infrastruttura Malta u il-Kunsillier Borg Lewis qed tagħmel follow up mal-Perit responsabbli.

**04.8.34 Triq l-Isqof Scicluna**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li b'referenza għax xogħlijiet tal-Enemalta tkellmet mal-Perit Ernest u ikkonfermat ix-xogħol mixi mal-iskeda u għandu ikun lest sal-15 ta' Settembru. It-trinka tingħalaq bil-konkos u wara erba' ġimgħat tingħata it-tarmak.

**04.8.35 Triq l-Imdina**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li b'referenza ghax xogħlijiet ta' Infrastruttura Malta tkellmet mal-Perit Ruben Aquilina u anke mal-Perit Janice Borg minħabba xi lmenti li hemm fuq il-katusi mizdudin u residenti qed jinkwetaw li il-bjut mhux se jlaħħqu. Il-kunsillier Borg Lewis infurmat li il-Periti imsemmija kellhom ikellmu lil kuntrattur u se terġa tingħata update fi żmien ġimgħa.

**04.8.36 Triq Hal Luqa**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li il-Perit Janice Borg infurmatha li kellhom jagħlqu ix-xogħol tal-bankina fi Triq Hal Luqa. B'hekk ir-residenti ta' dik it-triq ma jkollhomx aktar periklu biex jidħlu u joħorġu.

**04.8.37 Fondi - Civil Society Fund**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li ic-Civil Society Fund kienet skema li għalqet fi 28 ta' Awwissu 2024. Il-Kunsillier Borg Lewis infurmat lil NGO's kollha reġistrati Ħal Qormi biex japplikaw għal dawn il-fondi li kienu qed ikopru membership u spejjez ma għaqdiet internazzjonali. Il-Kunsilliera Bog Lewis qalet li kien hemm feedback tajjeb għax l-għaqdiet apprezzaw li wassalnilhom din l-informazzjoni.

**04.8.38 Access City Award**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li Skema li bħalissa hija miftuħa hi dik li nippreżentaw proġett li għamel il-Kunsill u li hu aċċessibbli. Minħabba li numru ta' residenti iridu ikunu 50,000, il-Kunsillier Borg Lewis se tkun qed titkellem ma zewg lokalitajiet oħra biex inkunu nistgħu nitfgħu l-applikazzjoni flimkien.

**04.8.39 Tfal**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li hemm diskussjonijiet għaddejjin fuq il-Kunsill tat-tfal. Se tkun qed taghti update fis-seduta li imiss.

**04.8.40 Mistoqsijiet mill-Kunsillier Fiona Borg Lewis**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** staqsiet:

1. X'gara mill-ilmenti li bagħtna il-pulizija?

   ***Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsillier Borg Lewis li sa issa il-Kunsill ma rcieva l-ebda risposta fuq l-ilmenti mibgħuta, iżda fuq ilmenti oħra qed nirċievu feedback u follow up mis-Supretendent.***

2. Fil-laqgħa ma' Transport Malta tkellimna li ħa nitolbu laqgħa regolari mal-partijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-infurzar. Kien hemm xi żvilupp?

   ***Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nforma lil Kunsillier Borg Lewis li jekk ikun hemm bżonn terġa tintalab laqgħa oħra.***

3. Jidher li hemm bye-law fuq l-advertising ta' Street Furniture, jekk din għada applikabbli, liema huma u min jieħu ħsieb biex issir ir-reklamar fihom ?

   ***Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsillier Borg Lewis li iva hemm bye law u se tkun qed tibgħat kopja tagħha permezz ta' ittra elettronika.***

4. Fl-accounts hemm ammount ta' refund of expenses li mit-2022 għal 2023 niżel minn €117k għal €20,000, jista xi ħadd jispjega xinhuma u għaliex is-sena l-oħra ma tlabniex l-istess ammont ta' refund?

   ***Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsillier Borg Lewis li ir-refund of expenses ikunu jinkludi flus li il-kunsill rċieva minn skemi, inkluż tar-Regjun Nofsinhar.***

5. Bħalissa hemm xi korsijiet mtella mill-Kunsill biex fil-każ indaħħluhom fil-pjan ta' hidma.

   ***Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsillier Borg Lewis li bħalissa il-Kunsill ma għandux korsijiet pjanata, għajr li isiru mill-Lifelong learning fil-binja tal-Kunsill u il-korsijiet dwar tisjir u krafts tal-Milied, imsemmija aktar il-fuq, pjanati li jiġu organizzati mill-Kunsillier Doris Zammit.***

6. Hemm xi update fuq il-vacancies ?

   **Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsillier Borg Lewis li il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta.**

**04.8.41 Wied San Gorg**

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** issuġġerixxa biex jekk xi darba il-Kunsill jingħata il-fondi, partijiet mill-wied ta' San Gorg jissaqqaf u isir parkeġġ għar-residenti.

**04.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fid-9.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru 2024, liema laqgħa ser issir oħra qabilha fuq talba tas-Sindku, cioe fi 12 ta' Settembru 2024, fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***12 ta' Settembru 2024***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |